



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12244/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0268(NLE)

PECHE 307

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 448 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni fir-rigward tal-inċova

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 448 final.

Mehmuż: COM(2022) 448 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2022
COM(2022) 448 final

2022/0268 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni fir-rigward tal-inċova

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u l-oġġettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109¹ jistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet tal-ħut għall-2022, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Dawk l-oportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi matul il-perjodu li fih japplikaw biex jitqiesu l-aħħar pariri u żviluppi xjentifiċi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta talloka oportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri skont l-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd². Skont l-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huma l-Istati Membri li jridu jiddeċiedu kif jistgħu jiġu allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom l-oportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom, f'konformità ma' ċerti kriterji għall-allokazzjoni tal-oportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom il-marġni ta' diskrezzjoni neċessarju meta jqassmu l-qabdiet totali permissibbli allokati (TACs), relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-oportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Kunsill.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-oportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Il-Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari permezz tal-Kunsilli Konsultattivi, u mal-Istati Membri dwar l-approċċ tagħha għall-proposti diversi tagħha dwar l-oportunitajiet tas-sajd annwali abbażi tal-Komunikazzjoni annwali tagħha *Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2022* (disponibbli bl-Ingliż: *Towards more sustainable fishing in the EU: state of play and orientations for 2022*).

It-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati għall-Komunikazzjoni annwali msemija hawn fuq stabbilew il-fehmiet tagħhom dwar l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-qagħda tar-riżorsi u dwar ir-rispons ta' ġestjoni xieraq. Il-Kummissjoni qieset it-tweġibiet meta fasslet din il-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-metodoloġija li għandha tintuża. Il-parir xjentifiku tal-ICES huwa bbażat fuq qafas żviluppat mill-gruppi ta' esperti tiegħu u mill-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u maħruġ f'konformità mal-ftehim qafas ta' sħubija tiegħu mal-Kummissjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatti**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 huwa ċirkoskritt mill-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti ma huma se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

L-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fid-diviżjoni 9a tal-ICES hija speċi b'ħajja qasira, bi fluttwazzjonijiet interannwali kbar fl-istokk u li għaliha s-sajd jiddependi ħafna mill-klassi tas-sena ta' wara. Għalhekk, l-ICES jipprovdi parir xjentifiku f'Ġunju għall-perjodu ta' ġestjoni mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Dan jiżgura li l-parir xjentifiku tal-ICES ikun ibbażat fuq l-aħjar valutazzjoni possibbli tar-reklutaġġ annwali ta' din l-ispeċi b'ħajja qasira.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1091³, jistabbilixxi TAC proviżorja għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1091 tat-30 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-oportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi

tal-Unjoni tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) 34.1.1 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Settembru 2022, sakemm jinħareġ il-parir xjentifiku tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023, u jippermetti li s-sajd ikompli. It-TAC proviżorja ta' 10 061 tonnellata hija bbażata fuq il-qabdiet fit-tielet trimestru tal-2021.

Wara r-rilaxx tal-parir xjentifiku tal-ICES ⁴ għal dak l-istokk fis-17 ta' Ġunju 2022, jenħtieġ li tiġi stabbilita t-TAC definittiva għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023. Jenħtieġ li t-TAC tiġi stabbilita fil-livell ta' 15 777 tonnellata, l-ammont indikat f'dak il-parir xjentifiku tal-ICES.

⁴

ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 5).
<https://doi.org/10.17895/ices.advice.19447751>

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni fir-rigward tal-inċova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109⁵ jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2022/109, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1091⁶, jistabbilixxi qabda totali permissibbli (TAC) proviżorja għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) 34.1.1 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Settembru 2022, sakemm jinħareġ il-parir xjentifiku tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023, u jippermetti li s-sajd ikompli. Wara l-ħruġ ta' dak il-parir fis-17 ta' Ġunju 2022, jenħtieġ li tiġi stabbilita t-TAC definittiva għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023. It-TAC għandu jiġi stabbilit fil-livell ta' 15 777 tonnellata indikat f'dak il-parir.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/109 jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-limitu tal-qbid għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Lulju 2022. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza ġuridika u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1091 tat-30 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 5).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109

Ir-Regolament (UE) 2022/109 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President